# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2169

**Kaz Numru 2952 DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Michael Schembri ID 11563G**

**u**

**Mizzi Motors Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum nhar l-Erbgha 5 ta' Settembru 2012**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-26 ta' Awwissu 2011.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Michael Schembri, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun minn Nicholas Baldacchino u l-Avukat Matthew Brincat.

2.2 Il-kumpanija Mizzi Motors Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Dolsy Darmanin u l-Avukat Reuben Balzan meghjuna mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Ir-rikorrenti beda fl-impieg fuq bazi part-time fil-kariga ta' *Cashier* mal-kumpanija intimata f'April 2007 u nhar l-01.09.07 fil-kariga ta' *Cashier & Fuel Depot Manager* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Fil-bidu tas-sena 2011 ir-rikorrent beda jissuspetta li Joe Buhagiar, l-impjegat inkarigat mill-operat tal-pompi tal-*fuel,* kien qieghed jahbi minnu l-qari li kien jaghmel ta-kunsinni tal-*fuel*. Darba fost l-ohrajn kien mghajjat minn

Joe Duca ghal laqgha li fiha tkellmu dwar il-htiega li titnaqqas is-sahra. F'din il-laqgha kien qallu li jkun ahjar li impjegat iehor jintalab jalterna ma' Joe Buhagiar fl-operat tal-pompi tal-*fuel* ghaliex hu kellu suspett li Joe Buhagiar kien qieghed izomm lill-impjegat l-iehor lura. Immedjatament sehhet din il-bidla fis-sistema rrizulta li kien hemm diskrepanza mdaqqsa fil-hazna *tal-fuel*. Wara investigazzjoni li saret Joe Buhagiar irrizenja mill-impieg, u r-rikorrent kien offrut li jirrizenja wkoll minn jeddu. Meta dan ma sehhx, nhar l-01.07.11, il-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrent.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Joseph Duca, Dollsy Darmanin, Jason Grech, Hugh Mercieca u Maurizio Micallef xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Michael Schembri xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'pagna wahda u erba' appendici, immarkati Dok. DD1 sa DD4.

5.1.2 Kopja ta' messagg elettroniku datat 27.05.11 mibghut minn Joe Duca lil Maurizio Micallef u t-twegiba ta' dan ta' l-ahhar dwar it-tibdil fis-sistema tal-operat tal-pompi *tal-fuel*, immarkata Dok. MM1

5.2 Ir-rikorrent esebixxa:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni u tliet appendici, immarkati Dok.A sa Dok.C.

5.2.2 Nota tar-rikorrent minghajr data konsistenti f'zewg pagni, immarkata Dok. MS1.

5.2.3 Kopja ta' messagg elettroniku datat 27.05.11 identiku ghal 5.1.2, immarkat Dok. MS2.

5.2.4 Kopja ta' sensiela ta' sitt pagni datati bejn it-30.05.11 u t-13.06.11 li turi figuri dwar il-hazna tal-*fuel*, komplessivament immarkati MS3.

5.2.5 Kopja ta' *Performance Appraisal Report* konsistenti f'disa' pagni, komplessivament immarkati MS4.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Dollsy Darmanin,** impjegata fil-kariga ta' *Human Resouces Manager* mal-kumpanija intimata, stqarret li nhar it-30.05.12 fi triqitha lejn l-Ufficcju kienet ordnata tieqaf l-istazzjon tal-*fuel* tal-istess kumpanija minhabba li kien hemm rapport li l-ewwel qari' tal-kejl *tal-fuel* bis-sistema l-gdida kien irrizulta f'diskrepanza fil-hazna tal-*fuel* fit-tankijiet. Immedjatament, flimkien ma' Joe Duca, ix-xhud bdiet investigazzjoni mal-impjegati li xogholhom kien relatat mal-kunsinni, l-operat u l-kontroll tal-bejgh tal-*fuel*. Waqt l-investigazzjoni x-xhud kitbet il-mistoqsijiet li saru u t-twegibiet ghalihom, li wara ngabru f'rapport iffirmat minnha u Joe Duca. Ix-xhud ghamlet gabra fil-qosor tal-kontenut tar-rapport ta' ghaxar pagni. Ix-xhud kompliet tispjega li r-rikorrent kien responsabbli taz-zewg impjegati li joperaw il-pompi tal-*fuel*, ghall-gbir u rikonciljazzjoni tal-flus kontanti, tal-hazna tal-*fuel* u wkoll ghall-verifika ta' kull kunsinna u l-hazna tal-*fuel*. Ix-xhud spjegat il-process tal-verifika tal-kunsinni tal-*fuel* bejn meta jasal sakemm jitlaq il-bowser. Kien hemm perjodu bejn Jannar 2011 meta l-verifika li saret kienet taqbel mal-figuri korretti tax-xiri u l-bejgh, u Mejju 2011 meta rrizultat id-diskrepanza meta r-rikorrent stqarr li qatt ma ra l-kejl tal-hazna qabel u wara l-kunsinni ghaliex l-impjegat Joe Buhagiar kien jahbilu l-figuri. Ix-xhud spjegat fid-dettal il-kontenut tad-dokumenti mmarkati Dok. DD1 u Dok. DD2. Ix-xhud ziedet tghid li waqt l-investigazzjoni r-rikorrent kien spjega li Joe Buhagiar gie li gharrfu bil-wasla ta' kunsinna tal-*fuel* wara li din tkun diga bdiet tinhatt fit-tankijiet tal-kumpanija intimata. Qalilhom ukoll li Joe Buhagiar qatt ma wrieh id-*dip stick*, kien jahbilu l-figuri u jghidlu biss il-figuri li kien jikteb fuq idu. Zied jghid li hu qatt ma rrapporta s-suspetti tieghu lil hadd ghaliex kien jibza'. Xi gimghat qabel ma sehh il-kaz u minhabba s-suspetti li kellu dwar qerq minn Joe Buhagiar, hu kien issuggerixxa lil Joe Duca waqt laqgha li kellu mieghu biex tinhatar persuna ohra biex talterna ma' Joe Buhagiar fl-operat tal-pompi u l-verifika ta' kull kunsinna, izda lil Joe Duca ma qallux bis-suspetti li kellu dwar qerq fil-kejl. Wara li ntemmet l-investigazzjoni, fuq il-bazi tal-istqarrija tar-rikorrent, u l-verifika li saret mat-tifsira tax-xoghol tar-rikorrent, kien deciz li kien hemm lok ta' temma tal-impieg. Wara t-tmiem tal-investigazzjoni r-rikorrent kompla b'xoghlu ghal xi zmien.

6.2 **Joe Duca**, impjegat ghal dawn l-ahhar ghaxar snin fil-kariga ta' *General Manager* mal-kumpanija intimata, ikkonferma li f'Novembru 2004 Joe Buhagiar kien tkecca mill-impieg ghaliex sar maghruf li kellu ishma fi stazzjoni tal-*fuel* iehor u wkoll li beda jahdem ma' dan l-istess stazzjon wara l-hin normali tax-xoghol tieghu mal-kumpanija intimata. Izda Joe Buhagiar kien rega' ddahhal lura fl-impieg ghaliex kien irrinunzja sehmu u waqaf jahdem mal-istazzjoni ta' terzi wara l-hin normali tax-xoghol ma-kumpanija intimata. Ix-xhud kompla li r-rikorrent

kien jirrapporta lilu ghax-xoghol li kellu x'jaqsam mal-operat tal-*fuel station* u li tkecca mill-impieg ghaliex naqas li jaqdi dmirijietu kif mistenni. Zied jghid li meta f'Mejju 2011 sar ir-rapport dwar id-diskrepanza fil-hazna tal-*fuel* saret investigazzjoni li minnha rrizulta li Joe Buhagiar kien qieghed iqarraq bil-figuri, jahbihom mir-rikorrent u li minkejja s-suspetti li r-rikorrent qal li kellu naqas li jaghmel verifika hu biex jikkonferma, jew mod iehor, is-suspetti li kellu. Ix-xhud kompla li madwar xahar qabel it-30.05.11 hu kien organizza laqgha mar-rikorrent biex jghidlu dwar id-decizjoni li kienet ittiehdet biex titnaqqas is-sahra. Minhabba li l-laqgha saret dwar is-sahra, u l-fatt li l-kejl tal-hazna tal-*fuel* minn dejjem sar bi tnejn min-nies, wiehed ikejjel u l-iehor jivverifika, hu kellu rasu mistrieha dwar il-hazna tal-*fuel* u qatt ma fehem li s-suspetti tar-rikorrent kienu jirrigwardaw il-hazna tal-*fuel*. Kien waqt laqgha ohra li r-rikorrent kien qallu li jkun ahjar li jkun hemm Emmanuel Zammit li jalterna ma' Joe Buhagiar fl-operat tal-pompi ghaliex hu kellu xi suspetti li Joe Buhagiar kien iwarrab lil Emmanuel Zammit mix-xoghol relatat mal-operat tal-pompi. Wasal Mejju 2011, u hu ordna li titkejjel il-hazna biex meta Emmanuel Zammit jibda fix-xoghol gdid tal-operat tal-pompi ma jkun hemm ebda problema dwar il-kejl tal-hazna fl-ewwel jum tas-sistema l-gdida. Minn dan l-ezercizzju rrizultat diskrepanza ta' madwar 7,000 litru nieqsa. Ix-xhud zied jghid li waqt l-investigazzjoni li saret ir-rikorrent kien ammetta li kien ikun ahjar kieku qallu qabel bis-suspetti li kellu dwar il-qerq ta' Joe Buhagiar. Wara l-gheluq tal-investigazzjoni il-Bord tad-Diretturi ddecieda li r-rikorrent kien naqas serjament fil-qadi ta' dmirijietu u li kellu jew ikun offrut l-opportunita li jirrizenja jew jitkecca.

6.3 **Jason Grech**, impjegat fil-kariga ta' *Finance Manager* mal-kumpanija intimata, ghamel spjega fil-qosor tal-proceduri rilevanti u stqarr li r-rikorrent kellu zewg funzjonijiet. Ghall-funzjoni finanzjarja li fost affarijiet ohra kienet tinkludi li r-rikorrent kien responsabbli li jivverifika perjodikament il-hazna tal-*fuel*, kien jirrapporta lilu, u ghal dik operattiva lil Joe Duca. Ix-xhud ikkonferma li fil-kaz li r-rikorrent ma jkunx jista' jattendi ghall-hatt tal-*fuel* minhabba xoghol iehor, ma kinitx issir il-verifika tal-kejl li kien jiehu Joe Buhagiar. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb u kien fdat. Fi tmiem Mejju 2011 meta kienet skedata li tinbeda s-sistema ta' alternanza bejn zewg impjegati li joperaw il-pompi tal-*fuel*, ir-rikorrent gharrfu li kien hemm diskrepanza fil-hazna tal-*fuel* ta' madwar 8,000 litru. Minnufih mar l-istazzjon u kkonferma d-diskrepanza. Dak il-hin Joe Buhagiar kien qal li ma kienx jaf ir-raguni ghaliex irrizultat id-diskrepanza, u r-rikorrent wiegeb li l-qari kien jiehdu Joe Buhagiar u mhux hu.

6.4 **Hugh Mercieca,** impjegat fil-kariga ta' *Chief Operating Officer* mal-kumpanija intimata, stqarr li hu kien mgharraf li jum fost l-ohrajn f' Mejju 2011 irrizultat diskrepanza fil-hazna tal-*fuel* li kienet fil-

kompetenza tar-rikorrent li jikkontrolla. Meta tkellem mar-rikorrent fil-prezenza ta' persuni ohra dwar il-kwistjoni, irrizulta li dan ma kienx qieghed jaghmel dak mistenni minnu biex jivverifika l-korrettezza tal-hazna tal-*fuel*. Kien qallu li Joe Buhagiar jagixxi ta' dittatur u li hu kien imbezza' minnu. Il-kumpanija intimata qatt ma kellha suspett fl-onesta tar-rikorrent, u l-ewwel darba li kellmuh kien biex jiksbu spjega ta' x'seta' gara u biex jivverifikaw jekk hu kienx ha l-passi mehtiega biex jezercita l-kontrolli necessarji. Fl-ahhar laqgha nhar is-26.06.11 offrielu li jirrizenja bi hlas ta' ghaxar gimghat paga minflok jitkecca, izda r-rikorrent ma accettax li jirrizenja.

6.5 **Maurizio Micallef,** impjegat fil-kariga ta' *Head-Finance & Administration* mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrent kien beda fl-impieg fuq bazi *part-time* f'April 2007. F'Settembru 2007 kien offrut u accetta kuntratt fuq bazi *whole-time* ghal zmien indefinit fil-kariga ta' *Manager* tal-*Fuel Station*. Ix-xhud zied jghid li hu flimkien ma' Luke Coppini kienu spjegawlu d-doveri u responsabbiltajiet tieghu fid-dettal. Fl-2008 kien hemm diskrepanza ta' 8000 litru fil-hazna tal-*fuel*, u rega' ha l-opportunita biex jispjegalu l-htiega ta' verifika kemm tal-qari tal-kunsinni tal-*fuel* kif ukoll tal-hazniet. Kmieni f'Mejju 2011 kien ikkupjat b'*e-mail* ta' Joe Duca li kienet dwar is-sistema gdida tal-operat tal-pompi *tal-fuel* u hu kien qabel li jsir kif kien pjanat. Aktar tard fl-istess xahar fl-ewwel jum tat-thaddim tas-sistema gdida saret verifika tal-hazna fil-prezenza ta' Jason Grech u f'dak il-jum irrizultat diskrepanza ta' madwar 8.000 litru *fuel*. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi stqarr li ma setax ikun cert fuq kemm medda ta' zmien kienet mifruxa d-diskrepanza.

6.6 **Michael Schembri**, ir-rikorrent, stqarr li nhar it-03.04.07 beda fl-impieg mal-kumpanija intimata fuq kuntratt *part-time* fil-kariga ta' *Cashier and Petrol Station Manager*, u nhar l-01.09.07 beda jahdem fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Ir-rikorrent iddeskriva fil-qosor ix-xoghol li kien jaghmel. Minhabba r-rwol doppju li kellu, gie li ma kienx jattendi jew jattendi tard ghall-hatt ta' kunsinni tal-*fuel* bir-rizultat li ma kienx jivverifika xi kunsinni. Meta kien jattendi ghall-verifiki Joe Buhagiar kien jiehu l-kejl u jghidlu l-qari. Wara xi zmien beda jissuspetta li Joe Buhagiar kien jahbi l-qari veru, jikteb xi figuri tal-hazna fuq idu biex jaqbel mal-qari tal-hazna li jkun hemm fuq il-komputer, u lilu jghidlu qari falz, izda ddecieda li ma jitkellimx ghal xi sitt jew tmien gimghat sakemm jaccerta ruhu dwar is-suspetti li kellu. Ix-xhud stqarr li hu qatt ma kejjel il-hazna bid-*dip stick* ghaliex dak ma kienx xoghlu u wkoll li qatt ma qal lil Joe Buhagiar biex jurih id-*dip stick* biex jivverifika l-qari hu. Meta ltaqa' ma' Joe Duca dwar is-sahra ha l-okkazjoni u ssuggerielu li Emmanuel Zammit jiddahhal biex jalterna ma' Joe Buhagiar fl-operat tal-pompi, u b'daqshekk fehem li kien jista' jrazzan lil Joe Buhagiar f'dak li kien jissuspetta li kien qieghed jaghmel.

Joe Duca kien qabel mas-suggeriment u nhar it-30.05.11, meta waslet il-kunsinna u saret il-verifika, irrizultat id-diskrepanza. Wara dan kollu cempel lil Jason Grech ghaliex Joe Duca kien imsiefer u qallu b'kollox. Muri r-rapport immarkat Dok.DD3 tal-investigazzjoni li saret, ir-rikorrent wiegeb li qatt ma kien rah qabel. Wara l-incident kien fassal format gdid tad-dokument li beda jintuza biex jiddahhlu l-figuri tal-verifiki, u kompla jaghmel xoghlu, u xoghol iehor addizzjonali ghal xi zmien. Aktar tard kien offrut li jithallas ta' ghaxar gimghat avviz tat-temma tal-impieg jew jitkecca, u t-twegiba tieghu kienet fin-negattiv.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li:

- Il-kaz odjern jikkoncerna sitwazzjoni fejn impjegat li kellu r-responsabbilta ta' sorveljanza ta' impjegat jew impjegati ohra li l-attivatijiet taghhom ta' kull jum kellhom effett fuq id-dover ewlieni tieghu li jhares l-assi tal-kumpanija intimata, naqas serjament li jezercita l-kontroll mistenni.

- Ghalkemm il-kumpanija intimata affirmat ripetutament li kellha fiducja fl-onesta tar-rikorrent u li f'dan il-kaz ma kienx konpartecipi fil-qerq li rrizulta, hu naqas serjament meta ghal zmien twil zamm ghalih suspetti ta' qerq rigwardanti wiehed mill-impjegati subordinati tieghu, b'dannu kbir ghall-kumpanija intimata.

- Minflok qeda dmiru kif mistenni meta dahlulu s-suspetti ta' qerq, ir-rikorrent naqas li ghal zmien ta' bejn sitt u tmien gimghat li matulhom inhattu madwar tmintax -il kunsinna ta' *fuel,* jiehu mizuri effettivi biex iwaqqaf l-abbuzi suspettati jew jgharraf lill-kumpanija intimata bis-suspetti li kellu.

- Ir-rikorrent inghata l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu, izda d-difiza li ghamel ma skulpatux mill-htija.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrenti tkecca ghal ragun gusti u sufficjenti skont il-ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Matthew Brincat f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumenta li:

- Ir-rikorrent ma qarraqx bil-kumpanija intimata. Kull ma ghamel kien li zamm ghalih taghrif suspettuz sakemm jikseb provi konkreti li setghu jwasslu ghall-konferma tal-istess suspetti.

- Il-kompitu tat-Tribunal Industrijali, f'kaz tali fejn ir-rikorrent kellu kondotta nadifa u rapporti pozittivi dwar xoghlu mal-kumpanija intimata, ghandu jkun li fost affarijiet ohra jizen jekk l-allegat nuqqas tieghu jammontax ghal kawza gusta u sufficjenti ghal tkeccija sommarja.

- Ghalkemm fil-laqgha li kellu ma' min jikkmandah ir-rikorrent naqas li jwassal messagg car dwar is-suspetti ta' abbuz li kellu, ghamel hekk b'mod indirett u qaghad lura ghaliex ma kellux bizzejjed provi.

- Is-suggeriment li ghamel u li kien milqugh biex ikun hemm impjegat iehor biex jalterna ma' Joe Buhagiar fl-operat tal-pompi tal-*fuel* ghamlu bil-ghan li jikseb il-provi biex jissosstanza s-suspetti li kellu.

- It-Tribunal Industrijali diversament presjedut ripetutament stabbilixxa li tkeccija sommarja ghandha tkun rizervata ghal offizi tant serji li wiehed ma jistenniex li jsehhu fil-kors normal tax-xoghol.

- Il-process ta' investigazzjoni li ghamlet il-kumpanija intimata ma jammontax ghal opportunita ta' difiza kif kien jixraq f'dan il-kaz.

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-l-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrenti minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Irid qabel kollox jinghad li matul il-process kollu quddiem it-Tribunal Industrijali l-kumpanija intimata ma xehtet ebda dubju dwar l-onesta tar-rikorrent u ma xlietu b'ebda konpartecipazzjoni fil-qerq li sehh minn impjegat subordinat lejh. L-argument ewlieni

tal-kumpanija intimata hu msejjes fuq allegazzjoni li r-rikorrent naqas minn dmir ewlieni tieghu li jezercita kontroll effettiv minn zmien ghal zmien fuq il-kejl tal-*fuel*, kemm dak mahzun fit-tankijiet kif ukoll dak kunsinnat mill-Korporazzjoni Enemalta.

8.2 Jirrizulta mill-provi li:

8.2.1 Ir-rikorrent gharaf li hu kellu r-responsabbilta tal-verifika tal-*fuel* kunsinnat lil, u mahzun ghand, il-kumpanija intimata. Ghalkemm ma kienx umanament possibbli li r-rikorrent ikun prezenti waqt il-kejl tal-kunsinni kollha, kien aktar drabi prezenti milli le, u konsegwentement seta' jaghmel verifika effettiva minghajr ma ripetutament jistrieh fil-ghama fuq il-figuri vvintati tas-subordinat tieghu.

8.2.2 Ir-rikorrent ikkonferma li f'Jannar 2011 saret verifika fil-prezenza ta' rapprezentant tad-Dipartiment tal-Finanzi flimkien mar-rikorrent u s-*Supervisor* Joe Buhagiar, u din tat rizultat li qabel mieghu kull min attenda ghall-verifika.

8.2.3 Ir-rikorrent ammetta li ghal zmien ta' bejn sitt u tmien gimghat qabel Mejju 2011, hu zamm mistura ghalih suspetti rigwardanti l-veracita tal-kejl li kien jgharrfu s-subordinat tieghu Joe Buhagiar. Dan ghamlu sakemm u bil-hsieb li jsib il-mezz kif jikseb provi konklussivi dwar is-suspetti li kellu. Meta ghamel hekk minghajr ma gharraf lill-Kap tieghu Joe Duca, ir-rikorrent tghabba b'riskju bla bzonn li jizboq ir-responsabbilta tieghu, u galadarba l-assi ma kinux tieghu ma kellu ebda dritt li jiehu r-riskju li ha.

8.2.4 Id-danni li akkumulaw matul il-perjodu ta' skiet, li mhuwiex spjegabbli, setghu jkunu eliminati jew imnaqqsa hafna b'intervent effettiv tar-rikorrent. Dawn id-danni jammontaw ghal somma konsiderevoli li taghmel l-offiza wahda serja.

8.2.5 Ir-rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu mezzi semplici, effikaci u effettivi biex jikkonferma s-suspetti tieghu. Dawn il-mezzi kienu ghad-dispozizzjoni tieghu kull jum tax-xoghol. Ir-rikorrent seta' jew jordna l-qari tal-hazna minghajr avviz ta' xejn lil hadd, jew li jkejjel hu stess il-hazna. It-twegiba tar-rikorrent li ma kienx xoghlu li juza d-*dip stick* tistona mhux bi ftit mac-cirkustanzi tal-kaz.

8.2.6 Ir-rikorrent inghata l-opportunita mill-kumpanija intimata li jaghmel spjega rigwardanti dak kollu li ghamel, u dak li ma setax jaghmel in segwitu tar-responsabbilta li kellu li jhares

l-assi taghha. Fir-rapport tal-investigazzjoni li saret, li l-kontenut tieghu ma kienx kontestat mid-difiza, ir-rikorrent ammetta li kien konxju mill-qerq tas-Supervisor rigwardanti l-kejl li kien jaghmel, li zamm mistur ghalih ghal numru ta' gimghat is-suspett li kellu dwar il-veracita tal-qari li kien jinghata, li wara li bdew is-suspetti qatt ma agixxa b'mod effettiv biex jinkiseb kejl korrett tal-kunsinni u l-hazna tal-*fuel.* Dan kollu sehh minkejja li seta' jaghmel mod iehor f'kull jum li attenda ghax-xoghol bejn Jannar u Mejju 2011. Galadarba r-rikorrent ammetta dan kollu, ma kienx hemm lok li tiddahhal il-formalita ta' akkuza u process ta' difiza biex jingiebu provi.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg saret ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

_______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**